MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 548/1995/1

**Alfred Fenech**

**Vs**

**Michael Angelo Fenech f'ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' Lub Oil Manufacturers Co, Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fl-20 ta' April 1995 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur u l-konvenut *proprio* huma diretturi tas-socjeta` konvenuta li hi l-lokatrici tal-fond li jikkomprendi il-mahzen li qieghed fit-triq maghrufa bhala "ix-Xewkija" fil-Kalkara li kien gie mikri lilha mill-Agent Kummissarju ta' l-

Artijiet permezz ta’ skrittura datata 25 ta’ Jannar 1988 (Government Tenement 66781);

Premess illi l-attur kellu l-pussess u/jew id-detenzjoni ta’ dan il-mahzen u kellu cavetta ta’ l-istess mahzen u kien, kwazi ta’ kuljum, imur jaghti daqqa ta’ ghajn lil dan il-mahzen biex jara jekk hux kollox sew;

Premess illi, minharra l-attur, l-unika persuna li kellha cavetta ta’ dan il-mahzen kien certu Felix Tabone, impjegat bhala foreman, li, wara li marad, ta c-cavetta li kien izomm lill-konvenut Michael A. Fenech;

Premess illi fis-27 ta’ Frar 1995, meta l-attur mar biex jidhol fl-imsemmi mahzen, induna li l-konvenut *proprio et nomine* jew min minnhom kien, kontra l-volonta` ta’ l-attur, qabad u bidel il-katnazz tal-bieb u, naturalment ghalhekk, ic-cavetta, ta’ dan il-mahzen;

Premess illi dan l-agir illegali u abuziv tal-konvenut *proprio et nomine* jew min minnhom jikkostitwixxi spoll ghad-dannu ta’ l-attur;

Premess illi, nonostante li l-konvenut *proprio et nomine* jew min minnhom gie interpellat anke permezz ta’ protest gudizzjarju biex jirrintegra lill-attur fil-pussess u/jew fid-detenzjoni, baqa’ inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex in vista tal-premess:-

1. Tiddikjara jekk hemmn bzonn li l-konvenut *proprio et nomine* jew min minnhom ikkommetta spoll ghad-dannu ta’ l-attur;

2. Tikkundanna lill-konvenut *proprio et nomine* jew min minnhom biex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti, jirrintegra lill-attur fil-pussess u/jew detenzjoni billi jaghmel dawk ix-xoghlijiet jew azzjonijiet kollha necessarji illi jigu ordnati mill-istess Qorti;

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel u jwettaq ix-xoghlijiet ordnati mill-Qorti, b' dan illi l-ispejjez relattivi jibqghu a kariku tal-konvenut *proprio et nomine* jew min minnhom u pagabbli lill-istess attur;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju datat 9 ta' Marzu 1995, kontra l-konvenut *proprio et nomine* jew min minnhom;

B' rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur, senjatament ghad-danni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut *proprio et nomine* li permezz taghha huwa eccepixxa:-

1. Illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghax ic-cwievet li kellu f' idejh l-attur kienu bl-iskop li hu jezercita supervizjoni fuq ix-xoghol tal-kumpanija. Fil-25 ta' Ottubru 1994, l-attur ma baqax jidhol ghax-xoghol u ghadu ma jidholx ghax-xoghol sal-lum. Ghalhekk peress li sadattant kienu bdew jonqsu xi affarijiet mill-fond *de quo*, ghal ragunijiet ta' sikurezza kellhom jinbidlu ic-cwievet;

2. Illi bhala Direttur tas-socjeta` konvenuta, l-attur ma ghandux awtomatikament dritt ghac-cwievet tal-mahzen u kieku ried li l-Bord tad-Diretturi ivestieh b' dan id-dritt seta' irrikorra quddiem il-Bord u tittiehed decizjoni dwar din il-pretensjoni tieghu. Ghalhekk il-kawza saret intempestivament;

3. Illi in kwantu l-azzjoni odjerna hi diretta kontra l-konvenut personalment din ukoll hi infondata billi hawn si tratta ta' proprjeta` tas-socjeta` konvenuta li trid tigi tutelata u mhux tal-konvenut Michael Angelo Fenech personalment u ghalhekk hu ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri, permessi bil-Ligi;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut *proprio et nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digiret tad-29 ta' Novembru 1996 li permezz tieghu giet nominata l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anna Caruana biex tisma' l-kontro-ezamijiet;

Rat l-affidavitsipprezentati u it-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti;

Rat in-noti pprezentati mill-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Din hija azzjoni ta' spoll privileggjat u qed tigi esperita kemm kontra persuna fizika kif ukoll kontra persuna guridika kif raprezentata mill-persuna fizika. Indubbjament kif jinsab ritenut "socjeta` kummercjali ghandha personalita` guridika u jekk persuni illi skond l-istatut ta' socjeta` kummercjali ghandhom il-fakolta` li jagixxu f' isimha u jaghmlu atti f' isem l-istess socjeta` u fl-interess ta' l-istess socjeta`, u dawn l-atti jikkostitwixxu spoll, hija s-socjeta` li tkun responsabbli ghall-ispoll, u l-istess socjeta` hi azzjonabbli tramite d-direturi taghha" – "**Albert Mizzi *nomine* -vs- Rev. Professur George Schembri**", Appell Civili, 4 ta' Frar 1992;

Huwa pacifiku, u jidher li f'dan il-konvenuti jirrikonoxxu l-korrettezza tal-principju illi "l-azzjoni ta' spoll hija rikonoxxuta lil kwalunkwe persuna li jkollha l-pussess, ta' liema xorta jkun, jew id-detenzjoni ta' haga mobbli jew immobbli, u li dan il-pussess jista' anke jkun illegittimu jew abuziv basta li bhala fatt materjali dak il-pussess ikun fil-persuna vittma ta' l-ispoll" – "**Paul Demarco –vs-**

**Francesco Fiteni**", Prim' Awla, Qorti Civili, 6 ta' Gunju 1957;

L-istess konvenuti pero` jissottomettu illi l-attur kien semplici impjegat u allura huwa kien suggett ghar-rieda tal-principal tieghu b' mod illi jekk dan, kif hekk irrizulta, iddecieda li jibdel ic-cwievet tal-fond tali decizjoni ma kinitx sindikabbli mill-impjegat. Isostnu, imbaghad, li l-pussess jew detenzjoni kien vestit f' idejn id-diversi kumpaniji u mhux fl-attur. Dan s' intendi jsostnuh dejjem fuq l-assunt illi l-attur kien biss impjegat;

Issa apparti l-fatt illi din il-linja difensjonali ma tqajmetx mill-konvenuti in via ta' eccezzjoni, hi l-fehma tal-Qorti li din is-sottomissjoni tal-konvenuti hi ghal kollox insostenibbli;

Ghal dak li jista' jkun valevoli qed jitqiesu dawn il-fatti emergenti mill-provi processwali:

I. L-attur ma kienx biss semplici impjegat izda kien hu wkoll, bhal konvenut, direttur tal-kumpanija konvenuta. Dan hu sahansitra accettat mill-istess konvenut (fol. 143). In effetti l-istatut socjali tal-kumpanija (fol. 297) juri illi l-azzjonisti taghha kienu zewg kumpaniji partikulari ta' l-attur u tal-konvenut fejn dawn ta' l-ahhar kienu d-diretturi taghha;

II. Jekk il-konvenut kien il-managing director l-attur kien speci ta' operations manager, inkarikat mill-haddiema tal-plant. Ara xhieda ta' Anthony Valvo (fol. 140). Dwar dawn il-mansjonijiet jittratta wkoll il-konvenut fl-Affidavit tieghu (fol. 79);

III. L-iskrittura ta' lokazzjoni datata 25 ta' Jannar 1988 (fol. 19) li permezz taghha l-kumpanija giet koncessa l-kirja tal-fond fil-Kalkara giet iffirmata mill-attur in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta;

IV. Jirrizulta illi l-attur kellu fil-pussess tieghu sett cwievet tal-fond. Kien jiftah u jaghlaq hu l-mahzen. Sett iehor

kien ikollu min kien ikun foreman. Ara deposizzjoni ta' Vincent Grogan (fol. 40), Raymond Portelli (fol. 42 u fol. 93), Lawrence Cutajar (fol. 43 u fol. 91), Alfred Fenech (fol. 61) u Felix Tabone (fol. 265). Huwa dubitat jekk il-konvenut kellux hu wkoll sett cwievet pero` anke jekk diversament, dan huwa immaterjali ghall-fini tal-vertenza;

Anke minn dawn il-ftit provi din il-Qorti ma tikkondividix l-argoment tal-konvenuti illi l-attur kien "semplici impjegat". Kif lanqas ma taqbel mal-veduta taghhom illi *qua* direttur l-attur ma setghax jaghmel "kawza ta' spoll" ghax dan kellu jagixxi mad-decizjonijiet tal-kumpanija, u allura dejjem skond din l-istess fehma taghhom il-kumpanija kellha kull dritt li tibdel is-serratura ta' l-access ghall-impjant, anke jekk dan sar bla konsult preventiv ta' l-attur. Huma jarguwixxu illi l-uniku rimedju li kellu l-attur kien li dan iressaq l-ilment tieghu lill-Bord tad-Diretturi biex id-decizjoni gja ezegwita u kompletata tigi varjata. Ghall-Qorti dan l-argoment, konsiderat li si tratta minn att spoljattiv, huwa ghal kollox fallaci;

Ghal din il-Qorti ma jezisti l-ebda dubju illi l-attur jikkwalifika bhala persuna spoljata mill-pussess li kien igawdi flimkien mal-konvenut u l-kumpaniji, kompriz dik konvenuta. Lanqas ma jezisti dubju illi l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll vjolenti u abuziv. Dan anke ghaliex jikkonsisti f' att arbitrarju li *marte proprio* sar kontra l-volonta` ta' l-attur. Kif ahjar imfisser, "mhux mehtieg li jkun hemm il-privazzjoni totali tal-haga imma bizzejjed li jkun hemm diminuzzjoni tal-pussess, tfixkil fid-drittijiet, jew hsara lil min isofri l-ispoll; u ghalhekk huwa wkoll indifferenti z-zmien li jkun dam l-ispoll u l-entita` tat-tfixkil jew hsara lill-ispoljat" ("**Caterina Vella –vs- Giovanni Vella**", Prim' Awla, Qorti Civili, 4 ta' Novembru 1957);

Jinsab ritenut illi "l-kuncett bazilari ta' l-azzjoni ta' l-ispoll huwa dak ta' l-ordni socjali bbazat fuq dik l-istabilita` guridika li trid li kull bidla possibbli trid issir fit-termini u fil-

parametri li trid il-ligi stess" ("**Angelo Pisani –vs- Edwin Ferris**", Prim' Awla, Qorti Civili, 30 ta' Jannar 1989);

Proprju ghalhekk jinsab akkolt illi "l-artikolu tal-ligi li jikkontempla dina l-azzjoni huwa indubbjament ta' ordni pubbliku u huwa inerenti ghal fatt ta' min b' awtoriita` privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati, u ma' dak l-artikolu huwa marbut l-iehor tal-Procedura Civili li jahseb u jghid li kontra azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji" – "**Margherita Fenech –vs- Pawla Zammit**", Prim' Awla, Qorti Civili, 12 ta' April 1958;

Dan ifisser illi jekk jirrizulta l-pussess materjali fil-mument li fih sehh l-att spoljattiv, bhal ma huwa hekk proprju l-kaz fejn l-attur kellu wkoll f' idejh sett cwievet tal-fond, ikun inutili li wiehed jindaga fis-sottomissjonijiet imqanqla mill-konvenuti kif aktar 'il fuq esposti.  Jigi sottolinejat illi anke kieku stess, u dan qed jigi sottomess *gratia argomenti* kellu jigi accettat illi l-attur kien tenut jikkonsenja c-cwievet u jekk dan ma ghamlux il-pussess tieghu kien wiehed illegittimu, xorta kien ikun jissussisti l-element ta' spoll mehtieg ghall-iskop ta' l-*actio spolii*.  Fi kliem iehor, xorta wahda l-ispussessament forzat u arbitrali ta' pussess illegittimu kien jintitola lill-attur li jezercita l-azzjoni *de qua* u jesigi l-pjena re-integrazzjoni fil-pussess jew detenzjoni. Ara f' dan l-istess sens decizjoni fl-ismijiet "**Raymond Camilleri *et nomine* –vs- Jonathan Gambin**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000 li wkoll kienet titratta minn bdil ta' serratura u l-katnazz tal-fond lokat;

Rigwardata minn din il-perspettiva anke minn hawn tidher inammissibbli d-difiza tal-konvenuti li jittantaw jaghmlu argoment biex jistabilixxu min kienu l-veri possessuri tad-dritt minnhom turbat abuzivament, meta, kif manifest, tali stharrig kellu strettament ikun limitat ghall-verifika tal-fatt essenzjali ghall-*actio spolii* li l-attur spoljat kellu effettivamnet il-pussess minnu pretiz.  Dan, indipendentement minn kull interess li haddiehor seta' kellu fl-istess meritu;

Huwa assodat illi l-unika haga li kellu jaghmel l-attur ghas-success ta' l-azzjoni tieghu kien "li jipprova biss li fil-mument meta allegatament avvera ruhu l-att spoljattiv hu kien fil-pussess ta' l-oggett li minnu kien spoljat. Ma kienx mehtieg minnu li jipprova xi titolu tal-pussess tieghu. Kien il-fatt fiziku tal-pussess li kien rilevanti ghall-materja ta' spoll gjaladarba jkun eskluz li l-persuna spoljata tkun qed tiddetjeni l-fond b' mera tolleranza" (fatt dan li fil-kaz prezenti ma jokkorrix u lanqas biss gie allegat mill-konvenuti) – "**Joseph Vassallo Gatt *nomine* –vs- Joseph Camilleri *proprio et nomine***", Appell, 26 ta' Jannar 1996;

F'kull kaz tajjeb li jigi precizat ukoll illi kwestjoni ta' tolleranza m'ghandhiex tigi ezaminata f' gudizzju semplicement possessorju privileggjat ("**Felix Fenech *et* –vs- Carmelo Bonanno *et***", Appell, 5 ta' Ottubru 1998);

Huwa tajjeb li jinzamm dejjem in mira illi l-azzjoni possessorja hi eminentement wahda personali. Li jfisser li l-attur kellu kull dritt jirreagixxi kontra l-molestja li ssirlu jekk din kienet taffettwah personalment jew l-interess tieghu fil-haga. Il-fatt li l-attur waqaf milli jattendi ghax-xoghol fil-plant tal-kumpanija ma jistax remotament ifisser illi hu gie li b' daqshekk iddekada minn xi drittijiet tieghu *qua* direttur u azzjonist tal-kumpanija. Biex tissucciedi id-dekadenza mill-pussess din riedet tkun manifesta u voluta, univoka u mhux kontestata. U jekk din ma tirrizultax, bhal ma fil-fatt ma tirrizultax hekk fil-kaz odjern, l-attur kellu dritt li jesigi li jigi re-integrat fil-pussess. L-azzjoni ezercitata hi tendenti proprju ghal dan il-fini "biex tassigura li jigi represtinat l-ordni socjali li l-persuna li giet vjolentement spussessata tigi qabel xejn re-integrata fil-pussess taghha "*spoliatus ante omnia restituendum*" – "**Nazzarena Sant *et* –vs- Rita Sammut**", Appell, 7 ta' Ottubru 1996;

Il-Qorti lesta taccetta l-veduta illi bhala direttur l-attur ma kellux dritt awtomatiku ghac-cwievet tal-mahzen. Izda gjaladarba huwa kellu dawn ic-cwievet, u dan kien ilhom

ghandu minn dejjem, huwa imbaghad kellu interess guridiku li jittutela u jipprotegi l-istess interess tieghu *qua* direttur fil-pussess tal-fond u li jassikura li haddiehor ma jiehux l-gustizzja b' idejh;

Issa eccezzjoni ohra avvanzata mill-konvenuti hi dik li l-konvenut personalment ma wettaqx l-att illecitu u spoljattiv peress illi l-mahzen hu proprjeta` tas-socjeta` jew ahjar, godut minnha;

Il-fatti juru, bl-oppost ta' dan eccepit, illi kien il-konvenut personalment li wettaq l-att. Hu stess jikkonfessa fl-Affidavit tieghu (fol. 79) illi kien fid-dover tieghu li jbiddel is-serratura. Dan hu hekk ribadit minnu in kontro-ezami (fol. 143), u konfermat mix-xhieda, fosthom Lawrence Attard (fol. 129) li stqarr li kien il-konvenut li tah ic-cavetta tal-katnazz il-gdid;

Din il-Qorti difficilment tifhem kif quddiem din l-istqarrija l-konvenut issokta jissottometti fin-Nota tieghu (fol. 355) illi hu ma ha l-ebda decizjoni personali. Kemm minghand l-istess kontestanti, kif ukoll minn xhieda ohra [ara *inter alia* deposizzjoni ta' l-imsemmi Lawrence Attard (fol. 129) u Felix Tabone (fol. 88)], irrizulta li l-ahwa kellhom dissidji bejniethom. Dan jispjega l-fatt illi l-konvenut personalment agixxa kif agixxa bil-mod arbitrarju tieghu;

Issa huwa jiddikjara f' paragrafu 4 tad-Dikjarazzjoni illi "kienet is-socjeta` konvenuta li ddecidiet li tibdel ic-cwievet u mhux huwa personalment". Gjaladarba dan hu hekk dikjarat minnu l-Qorti taccetta li d-decizjoni setghet haditha l-kumpanija konvenuta. Minn naha l-ohra pero` ma taccettax illi l-konvenut personalment ma huwiex ukoll responsabbli. Kif inhu bil-wisq pacifiku l-azzjoni ta' spoll hija esperibbli kontra l-awtur ta' l-ispoll kif ukoll kontra l-komplici tieghu fosthom il-mandanti li jkunu nkarigawh. (**Vol. XXXII P I p 451; Vol. XXVIII P I p 188**);

Il-Qorti tara li jghodd ghall-kaz din l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet "**Dimitry Orlov** ***et*** **–vs- Edward Pavia** ***proprio et nomine***", 14 ta' Jannar 2002:

"Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li din hija l-kostatazzjoni korretta *(dan b' referenza ghall-insenjament f' "**Mizzi –vs- Schembri**" fuq ukoll citata)* ghaliex is-socjeta' kummercjali li ghandha personalita' guridika distinta minn dik ta' l-azzjonisti u tad-diretturi taghha kellha tkun azzjonabbli u kellha tkun responsabbli bil-mezzi taghha ghall-agir illecitu minnha kompjut permezz tad-diretturi taghha li jirrapprezentawha. Dan pero' bl-ebda mod ma jfisser illi l-awtur materjali ta' l-illecitu li effettivament jikkommetti l-azzjoni turbattiva tal-pussess ma kienx hu wkoll personalment azzjonabbli biex jirripristina l-molestja li hu kien wettaq. Kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, l-*actio spolii* torigina *ex delicto* fuq fatt illecitu. Kull min jikkonkorri fil-kommissjoni ta' l-illecitu kien azzjonabbli u dana personalment. Kien ghalhekk illi s-socjeta` kienet azzjonabbli tramite d-diretturi taghha jekk jigi ritenut illi hi kienet konsapevoli ta' dak li kellu jsehh u li fil-fatt sehh u allura kienet kompartecipi fl-att delittwuz. Kien ukoll azzjonabbli min effettivament iwettaq l-illecitu li, fl-ahjar ipotesi ghalih, seta' biss jigi konsidrat bhala l-mandatarju li agixxa fl-interess tal-mandant espress jew tacitu li uzufruwixxa mill-att illecitu li ghalih l-istess mandatarju kellu jigi wkoll tenut personalment responsabbli."

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-ewwel domanda u tiddikjara illi l-konvenut *proprio et nomine* ikkommetta spoll ghad-dannu ta' l-attur;

Tilqa' t-tieni domanda u tikkundanna lill-istess konvenut *proprio et nomine* biex zmien hmistax-il jum jirrientegra lill-attur fil-pussess jew detenzjoni tal-mahzen "Ix-Xewkija" fil-Kalkara billi jew jikkonsenjalu sett cwievet riferibilment

ghas-serratura u katnazz godda ta' l-istess fond jew jirrepristinaw kollox fl-istat *ante quo* l-att spoljattiv;

Tilqa' wkoll t-tielet talba fil-kaz ta' inadempjenza tal-konvenut *proprio et nomine* ma' din l-ordni u b' hekk tawtorizza lill-attur sabiex huwa stess, espirati l-hmistax-il jum, jerga' jqieghed is-serratura u l-katnazz ta' l-istess fond fl-istat li kien qabel l-att illecitu konformi ghas-sett cwievet fil-pussess tieghu.

L-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jigu sopportati mill-konvenut *proprio et nomine*.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------